EBA/GL/2018/10 (Verżjoni konsolidata)

12 ta' Ottubru 2022

# Linji gwida

# dwar id-divulgazzjoni ta' skoperturi improduttivi u b'tolleranza

| | | Data tal-applikazzjoni |
|---|---|---|
| ➢O | | 31 ta' Diċembru 2019 |
| Emendat bi: | | |
| ➢A1 | EBA/GL/2022/13 | 31 ta' Diċembru 2022 |

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.[1] F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Obbligi ta' rapportar

3. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 16.01.2023. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2018/10". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-kontenut u l-formati ta' divulgazzjoni uniformi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu għal divulgazzjonijiet relatati ma' skoperturi improduttivi (NPEs), skoperturi b'tolleranza (FBEs) u assi preklużi.

## Kamp ta' applikazzjoni

▼A1

6. Dawn il-linji gwida japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni kollha, jew parti minnhom, speċifikati fil-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'konformità mal-Artikoli 6, 10 u 13 tal-istess Regolament u li huma kklassifikati bħala:

   a. istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi kif iddefinit fil-punt 145 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013 li huma istituzzjonijiet elenkati, u

   b. istituzzjonijiet oħra (jiġifieri li mhumiex istituzzjonijiet kbar jew żgħar u mhux kumplessi) u li huma istituzzjonijiet mhux elenkati kif iddefinit fil-punt 148 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

▼O

7. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-iskoperturi kollha li jissodisfaw id-definizzjonijiet ta' "improduttivi" u "b'tolleranza", kif stipulati fl-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.[2]

8. Proporzjonalità tapplika abbażi tas-sinifikat tal-istituzzjoni ta' kreditu u tal-livell ta' NPEs irrapportat, skont il-kamp ta' applikazzjoni speċifikat għal kull mudell individwali. Filwaqt li xi mudelli japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha, xi wħud huma applikabbli biss għal istituzzjonijiet ta' kreditu li huma sinifikanti u li għandhom proporzjon ta' NPL gross ta' 5 % jew aktar.

[2] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rapportar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

# Destinatarji

▼A1

9. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma kklassifikati bħala:

    a. istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi kif iddefinit fil-punt 145 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013 li huma istituzzjonijiet elenkati, u

    b. istituzzjonijiet oħra (jiġifieri li mhumiex istituzzjonijiet kbar jew żgħar u mhux kumplessi) u li huma istituzzjonijiet mhux elenkati kif iddefinit fil-punt 148 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

▼O

# Definizzjonijiet

10. Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida.

11. Barra minn hekk u b'mod partikolari, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

12. **Istituzzjonijiet ta' kreditu** li jissodisfaw wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin huma sinifikanti:

    a. L-istituzzjoni ta' kreditu hija waħda mill-akbar tliet istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istat Membru domiċiljari tagħha.

    b. L-assi konsolidati tal-istituzzjoni ta' kreditu jaqbżu EUR 30 biljun.

    c. Il-medja tal-assi totali fuq 4 snin tal-istituzzjoni ta' kreditu taqbeż 20 % tal-medja tal-PDG tal-Istat Membru domiċiljari tagħha fuq 4 snin.

    d. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha skoperturi konsolidati, skont l-Artikolu 429 tas-CRR, li jaqbżu EUR 200 biljun jew l-ekwivalenti f'munita barranija bl-użu tar-rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fi tmiem is-sena finanzjarja applikabbli.

    e. L-istituzzjoni ta' kreditu ġiet identifikata mill-awtoritajiet kompetenti bħala istituzzjoni globali sistemikament importanti (G-SII), kif iddefinit fir-Regolament ta'

Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1222/2014, jew bħala istituzzjoni sistemikament importanti oħra (O-SII) skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE.

13. **Il-proporzjon ta’ NPL gross** huwa l-proporzjon tal-ammont riportat gross ta’ NPLs u avvanzi mill-ammont riportat gross totali ta’ self u avvanzi soġġetti għad-definizzjoni ta’ NPE. Għall-finijiet ta’ dan il-kalkolu, self u avvanzi kklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ, bilanċi ta’ flus fil-banek ċentrali u depożiti ta’ domanda oħra għandhom jiġu esklużi, kemm mid-denominatur kif ukoll min-numeratur.

14. **Self u avvanzi improduttivi** jinkludu self u avvanzi li huma kklassifikati bħala improduttivi skont l-Anness V għar-Regolament (UE) Nru 680/2014.

## Frekwenza tad-divulgazzjonijiet

15. Il-linji gwida jintroduċu frekwenza armonizzata[3] għall-mudelli, kif ġej:

a. il-Mudell 1 (“Kwalità tal-kreditu ta’ skoperturi b’tolleranza”), il-Mudell 3 (“Kwalità tal-kreditu ta’ skoperturi improduttivi skont l-iskadenza”), il-Mudell 4 (“Skoperturi produttivi u improduttivi u l-provvedimenti relatati”) u l-Mudell 9 (“Kollateral miksub permezz ta’ teħid b’pussess u ta’ proċessi ta’ eżekuzzjoni”) għandhom jiġu ddivulgati mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu kollha speċifikati fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dawn il-mudelli, bil-frekwenza li ġejja:

   i. fuq bażi semi-annwali minn istituzzjonijiet ta’ kreditu li ġew identifikati mill-awtoritajiet kompetenti bħala G-SII jew O-SII, f’konformità mal-punt (e) tal-paragrafu 12;

   ii. fuq bażi annwali mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu l-oħra kollha;

   iii. dawk l-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji għas-sinifikanza speċifikati fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 12 u li, fid-data ta’ referenza għad-divulgazzjonijiet semi-annwali, ikollhom proporzjon ta’ NPL gross ta’ 5 % jew aktar, għandhom jiddivulgaw dawn il-mudelli fid-data ta’ referenza semi-annwali.

b. il-Mudell 2 (“Kwalità tat-tolleranza”), il-Mudell 5 (“Kwalità tal-iskoperturi improduttivi skont il-ġeografija”), il-Mudell 6 (“Kwalità ta’ self u avvanzi skont l-industrija”), il-Mudell 7 (“Valwazzjoni tal-kollateral – self u avvanzi”), il-Mudell 8 (“Bidliet fl-istokk ta’ self u avvanzi improduttivi”) u l-Mudell 10 (“Kollateral miksub permezz ta’ teħid b’pussess u ta’ proċessi ta’ eżekuzzjoni – ripartizzjoni inizjali”) għandhom jiġu ddivulgati fuq bażi annwali minn istituzzjonijiet ta’ kreditu li

[3] L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jiżguraw li d-data ta’ pubblikazzjoni tal-informazzjoni inkluża f’dawn il-linji gwida tkun qrib id-data ta’ pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom, u li ma jgħaddix aktar minn perjodu ta’ żmien raġonevoli bejn dawn id-dati.

jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji għas-sinifikanza speċifikati fil-paragrafu 12 u li jkollhom proporzjon ta’ NPL gross ta’ 5 % jew aktar, f’konformità mal-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dawn il-mudelli. Istituzzjonijiet ta’ kreditu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-mudelli li huma soġġetti għal-livell limitu tal-proporzjon ta’ NPL gross ta’ 5 % għandhom jibdew jiddivulgaw dawn il-mudelli, jekk huma qabżu jew kienu jinsabu fil-livell limitu jew aktar f’żewġ kwartijiet konsekuttivi matul l-erba’ kwartijiet ta’ qabel id-data ta’ referenza tad-divulgazzjoni. Għall-ewwel data ta’ referenza tad-divulgazzjoni li fiha l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jikkonformaw mal-linji gwida, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-mudelli soġġett għal-livell limitu tal-proporzjon ta’ NPL gross ta’ 5 % jekk huma jikkonformaw mal-livell limitu f’dik id-data ta’ referenza tad-divulgazzjoni. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu jieqfu jiddivulgaw il-mudelli soġġetti għal-livell limitu tal-proporzjon ta’ NPL gross ta’ 5 % jekk huma jkunu waqgħu taħt il-livell limitu fi tliet kwarti konsekuttivi matul l-erba’ kwarti ta’ qabel id-data ta’ referenza tad-divulgazzjoni.

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta’ applikazzjoni

16. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-31 ta’ Diċembru 2019.

## Emendi

17. Dawn il-linji gwida jissostitwixxu l-mudelli li ġejjin mil-Linji Gwida dwar ir-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni taħt il-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (EBA/GL/2016/11):

   a. “Mudell 14: EU CR1-D – Maturazzjoni ta’ skoperturi skaduti”

   b. “Mudell 15: EU CR1-E – Skoperturi improduttivi u b’tolleranza”

18. Dan ifisser li dawk l-istituzzjonijiet li, skont il-linji gwida tal-2016 tal-EBA, huma meħtieġa jiddivulgaw il-mudelli msemmija hawn fuq iridu jikkonformaw ma’ dan l-obbligu billi jiddivulgaw l-informazzjoni meħtieġa f’dawn il-linji gwida.

19. Istituzzjonijiet li, skont il-linji gwida tal-2016 tal-EBA, iridu jiddivulgaw il-“Mudell 12 – EU CR1-B – Kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi skont l-industrija jew it-tipi ta’ kontropartijiet” u l-“Mudell 13 – EU CR1-C – Kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi skont il-ġeografija” jkunu jistgħu jikkonformaw ma’ dan l-obbligu billi jiddivulgaw il-“Mudell 5: Kwalità tal-iskoperturi improduttivi skont il-ġeografija” u l-“Mudell 6: Kwalità tal-kreditu ta’ self u avvanzi skont l-industrija” ta’ dawn il-linji gwida fuq bażi semi-annwali. Inkella, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li jiddivulgaw il-Mudelli 5 u 6 ta’ dawn il-linji gwida fejn jinkludu biss l-informazzjoni dwar l-NPEs (għajr l-informazzjoni fil-kolonna “li minnu

inadempjenti”), u jimlew il-Mudelli 12 u 13 tal-linji gwida tal-2016 tal-EBA għall-informazzjoni dwar l-iskoperturi inadempjenti.

# Anness I – Mudelli ta’ divulgazzjoni: tolleranza

### Mudell 1: Kwalità tal-kreditu ta’ skoperturi b’tolleranza

| |
|---|
| **Skop:** li jipprovdi stampa ġenerali tal-kwalità tal-iskoperturi b’tolleranza skont ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014. |
| **Kamp ta’ applikazzjoni:** il-mudell japplika għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu kollha kif iddefinit fil-paragrafu  0. |
| **Kontenut:** ammont riportat gross ta’ skoperturi b’tolleranza u l-indeboliment akkumulat, il-provvedimenti, il-bidla akkumulata fil-valur ġust minħabba riskju ta’ kreditu, u l-kollateral u l-garanziji finanzjarji riċevuti relatati, skont il-kamp ta’ applikazzjoni tal-konsolidazzjoni regolatorja f’konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR. |
| **Frekwenza:** semi-annwali jew annwali f’konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss. |
| **Narrattiva ta’ akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta’ kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ammonti mill-perjodu ta’ divulgazzjoni preċedenti. |

| | | a | b | c | d | e | f | g | h |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ammont riportat/ammont nominali gross ta’ skoperturi b’miżuri ta’ tolleranza | | | | Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta’ kreditu u provvedimenti | | Kollateral riċevut u garanziji finanzjarji riċevuti fuq skoperturi b’tolleranza | |
| | | Produttivi b’tolleranza | Improduttivi b’tolleranza | | | Fuq skoperturi b’tolleranza produttivi | Fuq skoperturi b’tolleranza improduttivi | | Li minnhom kollateral u garanziji finanzjarji riċevuti fuq skoperturi improduttivi b’miżuri ta’ tolleranza |
| | | | | Li minnhom inadempjenti | Li minnhom indeboliti | | | | |
| 1 | Self u avvanzi | | | | | | | | |
| *2* | *Banek ċentrali* | | | | | | | | |
| *3* | *Gvernijiet ġenerali* | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *4* | *Istituzzjonijiet ta' kreditu* | | | | | | | | |
| *5* | *Korporazzjonijiet finanzjarji oħra* | | | | | | | | |
| *6* | *Korporazzjonijiet mhux finanzjarji* | | | | | | | | |
| *7* | *Unitajiet domestiċi* | | | | | | | | |
| 8 | Titoli ta' dejn | | | | | | | | |
| 9 | Impenji ta' self mogħtija | | | | | | | | |
| ***10*** | ***Total*** | | | | | | | | |

**Definizzjonijiet**

**Kolonni:**

*Ammont riportat gross:* ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014. Għall-impenji ta' self mogħtija, għandu jiġi rrappurtat l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

L-ammont riportat gross relatat mal-iskoperturi soġġetti għal indeboliment huwa n-nett tat-tħassir akkumulat parzjali u totali.

*Skoperturi b'tolleranza:* : skoperturi b'tolleranza kif iddefiniti fil-paragrafi 240 sa 244 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014. Skont jekk l-iskoperturi b'tolleranza jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa stipulati fl-Anness V għal dak ir-Regolament, huma jistgħu jiġu identifikati bħala produttivi jew improduttivi.

*Skoperturi indeboliti:* skoperturi b'tolleranza li huma indeboliti wkoll f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli taħt il-paragrafu 215 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

*Skoperturi inadempjenti:* skoperturi b'tolleranza li huma kklassifikati wkoll bħala inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178 tas-CRR.

*Indebolimenti akkumulati, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu u l-provvedimenti:* dan għandu jinkludi l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 11, 69 sa 71, 106 u 110 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

*Kollateral u garanziji riċevuti fuq skoperturi b'tolleranza:* dawn għandhom jiġu rrappurtati għall-iskoperturi kollha b'miżuri ta' tolleranza, irrispettivament mill-istatus tagħhom bħala produttivi jew improduttivi. Ammonti rrappurtati għall-kollateral riċevut u l-garanziji riċevuti għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-paragrafu 239 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014. Is-somma tal-ammonti rrappurtati kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji għandha tiġi llimitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata.

*Skoperturi improduttivi b'miżuri ta' tolleranza*: dawn (skoperturi b'tolleranza improduttivi) għandhom jinkludu skoperturi b'tolleranza li jissodisfaw il-kriterji biex jitqiesu bħala improduttivi u li huma inklużi fil-kategorija ta' skoperturi improduttivi. Dawn l-iskoperturi b'tolleranza improduttivi għandhom jinkludu dan li ġej: (a) skoperturi li saru improduttivi minħabba l-applikazzjoni ta' miżuri ta' tolleranza; (b) skoperturi li kienu improduttivi qabel l-estensjoni ta' miżuri ta' tolleranza; (c) skoperturi b'tolleranza li ġew ikklassifikati mill-ġdid mill-kategorija produttiva, inklużi skoperturi kklassifikati mill-ġdid skont il-paragrafu 260 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

**Ringieli:**

*Ripartizzjoni tal-kontropartijiet*: l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-ripartizzjoni skont il-kontroparti kif iddefinit fil-paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

L-allokazzjoni tas-settur tal-kontroparti għandha tkun ibbażata esklużivament fuq in-natura tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn aktar minn obbligant wieħed għandha ssir abbażi tal-karatteristiċi tal-obbligant li kien l-aktar rilevanti, jew determinanti, sabiex l-istituzzjoni tiddeċiedi li tagħti l-iskopertura. Fost klassifikazzjonijiet oħra, id-distribuzzjoni ta' skoperturi mġarrba b'mod konġunt skont is-settur tal-kontroparti, pajjiż ta' residenza u kodiċi NACE għandha tkun xprunata mill-karatteristiċi tad-debitur l-aktar rilevanti jew determinanti.

## Mudell 2: Kwalità tat-tolleranza

| |
|---|
| **Skop**: li tiġi pprovduta stampa ġenerali tal-kwalità tat-tolleranza. |
| **Kamp ta' applikazzjoni:** il-mudell japplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji għas-sinifikanza, kif iddefinit fil-paragrafu 12, u li jkollhom proporzjon ta' NPL gross ta' 5 % jew aktar. |
| **Kontenut:** ammont riportat gross ta' skoperturi ta' self u avvanzi b'tolleranza, skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni regolatorja f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR. |
| **Frekwenza:** annwali f'konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss. |
| **Narrattiva ta' akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ammonti mill-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti. |

| | | a |
|---|---|---|
| | | Ammont riportat gross ta' skoperturi b'tolleranza |
| 1 | Self u avvanzi li kienu b'tolleranza aktar minn darbtejn | |
| 2 | Self u avvanzi b'tolleranza improduttivi li ma ssodisfawx il-kriterji ta' ħruġ għall-klassifikazzjoni bħala improduttivi | |

**Definizzjonijiet**

**Kolonni:**

*Ammont riportat gross:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

*Skopertura b'tolleranza:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

**Ringieli:**

*Li kienu b'tolleranza aktar minn darbtejn:* ammont riportat gross ta' self u avvanzi li kienu ngħataw miżuri ta' tolleranza fil-passat u għal aktar minn darbtejn. Is-self u l-avvanzi li għalihom ingħatat tolleranza li ħarġu mill-kategorija b'tolleranza (jiġifieri s-self u l-avvanzi b'tolleranza rimedjati) jiġu inklużi hawn ukoll meta tkun ingħatat miżura ġdida ta' tolleranza.

*Self u avvanzi b'tolleranza improduttivi li ma ssodisfawx il-kriterji ta' ħruġ għall-klassifikazzjoni bħala improduttivi:* ammont riportat gross ta' self u avvanzi b'tolleranza improduttivi li jinsabu fil-kategorija ta' self u avvanzi b'tolleranza improduttivi taħt il-perjodu ta' rimedju ta' sena, u li ma kkonformawx mal-miżuri ta' tolleranza wara l-perjodu ta' rimedju ta' 12-il xahar, u li għalhekk ma rnexxilhomx jipprogressaw lejn l-istatus ta' b'tolleranza produttivi iżda żammew l-istatus ta' b'tolleranza improduttivi fi ħdan il-perjodu ta' rimedju.

# Anness II – Mudelli ta' divulgazzjoni: skoperturi improduttivi

### Mudell 3 Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi produttivi u improduttivi skont l-iskadenza

| |
|---|
| **Skop:** li tiġi pprovduta stampa ġenerali tal-kwalità tal-kreditu ta' skoperturi improduttivi, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014. |
| **Kamp ta' applikazzjoni:** il-mudell japplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha kif iddefinit fil-paragrafu 0. |
| **Kontenut:** ammont riportat gross ta' skoperturi produttivi u improduttivi skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni regolatorja f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR. |
| **Frekwenza:** semi-annwali jew annwali f'konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss. |
| **Narrattiva ta' akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ammonti mill-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti. L-istituzzjonijiet huma mistennija wkoll li jiddivulgaw il-proporzjon ta' NPL gross, li huwa kkalkulat bħala l-kolonna (d) ringiela (1) diviża bis-somma tal-kolonna (d) ringiela (1) magħduda mal-kolonna (a) ringiela (1). |

| | | a | b | c | d | e | f | g | h | i | j | k | l |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ammont riportat gross/ammont nominali | | | | | | | | | | | |
| | | Skoperturi produttivi | | | Skoperturi improduttivi | | | | | | | | |
| | | | Mhux skaduti jew skaduti ≤ 30 jum | Skaduti > 30 jum ≤ 90 jum | | X'aktarx li ma jitħallsux u li mhumiex skaduti jew li huma skaduti ≤ 90 jum | Skaduti > 90 jum ≤ 180 jum | Skaduti > 180 jum ≤ sena | Skaduti > sena ≤ sentejn | Skaduti > sentejn ≤ 5 snin | Skaduti > 5 snin ≤ 7 snin | Skaduti > 7 snin | Li minnhom inadempjenti |
| 1 | Self u avvanzi | | | | | | | | | | | | |
| *2* | *Banek ċentrali* | | | | | | | | | | | | |
| *3* | *Gvernijiet ġenerali* | | | | | | | | | | | | |
| *4* | *Istituzzjonijiet ta' kreditu* | | | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *5* | *Korporazzjonijiet finanzjarji oħra* | | | | | | | | | | | | |
| *6* | *Korporazzjonijiet mhux finanzjarji* | | | | | | | | | | | | |
| 7 | *Li minnhom SMEs* | | | | | | | | | | | | |
| *8* | *Unitajiet domestiċi* | | | | | | | | | | | | |
| 9 | Titoli ta’ dejn | | | | | | | | | | | | |
| *10* | *Banek ċentrali* | | | | | | | | | | | | |
| *11* | *Gvernijiet ġenerali* | | | | | | | | | | | | |
| *12* | *Istituzzjonijiet ta’ kreditu* | | | | | | | | | | | | |
| *13* | *Korporazzjonijiet finanzjarji oħra* | | | | | | | | | | | | |
| *14* | *Korporazzjonijiet mhux finanzjarji* | | | | | | | | | | | | |
| 15 | Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ | | | | | | | | | | | | |
| *16* | *Banek ċentrali* | | | | | | | | | | | | |
| *17* | *Gvernijiet ġenerali* | | | | | | | | | | | | |
| *18* | *Istituzzjonijiet ta’ kreditu* | | | | | | | | | | | | |
| *19* | *Korporazzjonijiet finanzjarji oħra* | | | | | | | | | | | | |
| *20* | *Korporazzjonijiet mhux finanzjarji* | | | | | | | | | | | | |
| *21* | *Unitajiet domestiċi* | | | | | | | | | | | | |
| ***22*** | ***Total*** | | | | | | | | | | | | |

**Definizzjonijiet**

**Kolonni:**

*Ammont riportat gross:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, “Kwalità tal-kreditu ta’ skoperturi b’tolleranza”.

*Skoperturi improduttivi:* kif iddefiniti fil-paragrafu 213 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

*Skoperturi inadempjenti:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, “Kwalità tal-kreditu ta’ skoperturi b’tolleranza”.

*Mhumiex skaduti jew skaduti ≤ 30 jum:* subkategorija ta’ skoperturi produttivi li mhumiex skaduti jew skaduti minn jum sa 30 jum.

*Skaduti >30 jum ≤ 90 jum:* subkategorija ta' skoperturi produttivi skaduti minn 31 sa 90 jum. Barra minn hekk, skoperturi li huma skaduti għal aktar minn 90 jum u li mhumiex materjali huma inklużi f'din is-subkategorija.

*X'aktarx li ma jitħallsux u li mhumiex skaduti jew huma skaduti ≤ 90 jum:* subkategorija ta' skoperturi li jew mhumiex skaduti jew inkella huma skaduti sa 90 jum, iżda minkejja dan huma identifikati bħala improduttivi, skont il-punt (b) tal-paragrafu 213 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

**Ringieli:**

*Ripartizzjoni tal-kontropartijiet*: l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-ripartizzjoni skont il-kontroparti kif iddefinit fil-paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

L-allokazzjoni tas-settur tal-kontroparti għandha tkun ibbażata esklużivament fuq in-natura tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn aktar minn obbligant wieħed għandha ssir abbażi tal-karatteristiċi tal-obbligant li kien l-aktar rilevanti, jew determinanti, sabiex l-istituzzjoni tiddeċiedi li tagħti l-iskopertura. Fost klassifikazzjonijiet oħra, id-distribuzzjoni ta' skoperturi mġarrba b'mod konġunt skont is-settur tal-kontroparti, pajjiż ta' residenza u kodiċi NACE għandha tkun xprunata mill-karatteristiċi tal-obbligant l-aktar rilevanti jew determinanti.
*SMEs:* kif iddefiniti fil-paragrafu 5(i) tal-Parti 1 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

Mudell 4: Skoperturi produttivi u improduttivi u l-provvedimenti relatati

| |
|---|
| **Skop:** li tiġi pprovduta stampa ġenerali tal-kwalità tal-kreditu ta' skoperturi improduttivi u l-indebolimenti, il-provvedimenti u l-aġġustamenti ta' valwazzjoni relatati, skont il-portafoll u l-klassi ta' skopertura. |
| **Kamp ta' applikazzjoni:** il-mudell japplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha kif iddefinit fil-paragrafu 0. |
| **Kontenut:** ammont riportat gross ta' skoperturi produttivi u improduttivi u l-indeboliment akkumulat, il-provvedimenti, il-bidla akkumulata fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu, tħassir parzjali akkumulat, u l-kollateral u l-garanziji finanzjarji riċevuti relatati, skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni regolatorja f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR. |
| **Frekwenza:** semi-annwali jew annwali f'konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss. |
| **Narrattiva ta' akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ammonti mill-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti. |

| | | a | b | c | d | e | f | g | h | i | j | k | l | m | n | o |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ammont riportat gross/ammont nominali | | | | | | Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu u provvedimenti | | | | | | Tħassir parzjali akkumulat | Kollateral u garanziji finanzjarji riċevuti | |
| | | Skoperturi produttivi | | | Skoperturi improduttivi | | | Skoperturi produttivi – indeboliment akkumulat u provvedimenti | | | Skoperturi improduttivi – indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu u provvedimenti | | | | Fuq skoperturi produttivi | Fuq skoperturi improduttivi |
| | | | Li minnhom fi stadju 1 | Li minnhom fl-Istadju 2 | | Li minnhom fl-Istadju 2 | Li minnhom fi stadju 3 | | Li minnhom fi stadju 1 | Li minnhom fl-Istadju 2 | | Li minnhom fl-Istadju 2 | Li minnhom fi stadju 3 | | | |
| 1 | Self u avvanzi | | | | | | | | | | | | | | | |
| *2* | *Bank ċentrali* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *3* | *Gvernijiet ġenerali* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *4* | *Istituzzjonijiet ta' kreditu* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *5* | *Korporazzjonijiet finanzjarji oħra* | | | | | | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *6* | *Korporazzjonijiet mhux finanzjarji* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *7* | *Li minnhom SMEs* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *8* | *Unitajiet domestiċi* | | | | | | | | | | | | | | | |
| 9 | Titoli ta' dejn | | | | | | | | | | | | | | | |
| *10* | *Bank ċentrali* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *11* | *Gvernijiet ġenerali* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *12* | *Istituzzjonijiet ta' kreditu* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *13* | *Korporazzjonijiet finanzjarji oħra* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *14* | *Korporazzjonijiet mhux finanzjarji* | | | | | | | | | | | | | | | |
| 15 | Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ | | | | | | | | | | | | | | | |
| *16* | *Bank ċentrali* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *17* | *Gvernijiet ġenerali* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *18* | *Istituzzjonijiet ta' kreditu* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *19* | *Korporazzjonijiet finanzjarji oħra* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *20* | *Korporazzjonijiet mhux finanzjarji* | | | | | | | | | | | | | | | |
| *21* | *Unitajiet domestiċi* | | | | | | | | | | | | | | | |
| ***22*** | ***Total*** | | | | | | | | | | | | | | | |

**Definizzjonijiet**

**Ringieli:**

*SMEs:* kif iddefiniti fil-paragrafu 5(i) tal-Parti 1 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

**Kolonni:**

*Ammont riportat gross:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

Skoperturi *improduttivi*: ara d-definizzjoni fil-Mudell 3, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi produttivi u improduttivi skont l-iskadenza".

*Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta’ kreditu u provvediment:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, “Kwalità tal-kreditu ta’ skoperturi b’tolleranza”.

*Tħassir parzjali akkumulat:* dan għandu jinkludi l-ammont parzjali akkumulat fid-data ta’ referenza tal-prinċipal u l-imgħax u t-tariffi skaduti akkumulati għal kwalunkwe strument ta’ dejn li r-rikonoxximent tiegħu ġie rtirat sa issa bl-użu ta’ kwalunkwe wieħed mill-metodi deskritti fil-paragrafu 74 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014, li jridu jiġu rrappurtati minħabba li l-istituzzjoni ma tkunx tistenna, b’mod raġonevoli, li se tirkupra l-flussi tal-flus kuntrattwali. Dawn l-ammonti jridu jiġu rrappurtati sal-iskadenza totali tad-drittijiet kollha tal-istituzzjoni li tirrapporta permezz tal-iskadenza tal-perjodu tal-istatut tal-limitazzjonijiet, maħfra jew kawża oħra, jew sakemm jiġu rkuprati. Għalhekk, fejn l-ammonti mħassra ma jiġux irkuprati, dawn għandhom jiġu rrappurtati filwaqt li jkunu soġġetti għal attivitajiet ta’ infurzar.
It-tħassir jikkostitwixxi avveniment ta’ rtirar tar-rikonoxximent u huwa relatat ma’ assi finanzjarju fl-intier tiegħu jew (f’każ ta’ tħassir parzjali) ma’ parti minnu, inkluż fejn il-modifika ta’ assi twassal biex l-istituzzjoni tirrinunzja d-dritt tagħha li tiġbor flussi tal-flus jew fuq parti minn dak l-assi, jew inkella fuq l-assi kollu.

*Li minnhom fl-Istadju 1/fl-istadju 2/fl-istadju3:* kategoriji ta’ indeboliment, kif iddefiniti fl-IFRS 9.5.5. “Stadju 1” jirreferi għall-indeboliment imkejjel skont l-IFRS 9.5.5.5. “Stadju 2” jirreferi għall-indeboliment imkejjel skont l-IFRS 9.5.5.3. “Stadju 3” jirreferi għall-indeboliment fuq assi indeboliti fir-rigward tal-kreditu, kif iddefinit fl-Appendiċi A għall-IFRS 9.

Il-kolonni “Li minnhom fl-Istadju 1”, “Li minnu fl-Istadju 2” u “Li minnu fl-Istadju 3” ma għandhomx jiġu rrappurtati minn istituzzjonijiet li japplikaw prinċipji kontabilistiċi nazzjonali ġeneralment aċċettati abbażi tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta’ Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta’ banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn.

*Kollateral u garanziji riċevuti:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, “Kwalità tal-kreditu ta’ skoperturi b’tolleranza”.

## Mudell 5: Kwalità tal-iskoperturi improduttivi skont il-ġeografija

| |
|---|
| **Skop:** li tiġi pprovduta stampa ġenerali tal-kwalità tal-kreditu ta’ skoperturi improduttivi u l-indeboliment, il-provvedimenti u l-aġġustamenti ta’ valwazzjoni akkumulati relatati, skont il-ġeografija. |
| **Kamp ta’ applikazzjoni:** il-mudell japplika għal istituzzjonijiet ta’ kreditu li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji għas-sinifikanza, kif iddefiniti fil-paragrafu 12, u li jkollhom proporzjon ta’ NPL gross ta’ 5 % jew aktar, u fejn l-iskoperturi mhux domestiċi oriġinali fil-pajjiżi mhux domestiċi kollha fil-klassijiet ta’ skopertura kollha jkunu ugwali jew ogħla minn 10 % tal-iskoperturi oriġinali totali (domestiċi u mhux domestiċi). |
| **Kontenut:** ammont riportat gross ta’ skoperturi produttivi u improduttivi u l-indeboliment u l-provvedimenti akkumulati, u l-bidla akkumulata relatati fil-valur ġust minħabba riskju ta’ kreditu, f’konformità mal-kamp ta’ applikazzjoni tal-konsolidazzjoni regolatorja f’konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR. |
| **Frekwenza**: annwali f’konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss b’ringieli flessibbli skont l-għadd ta’ pajjiżi materjali. |
| **Narrattiva ta’ akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta’ kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ammonti mill-perjodu ta’ divulgazzjoni preċedenti. Meta l-materjalità tal-pajjiżi tkun ġiet iddeterminata bl-użu ta’ limitu ta’ materjalità, dak il-limitu għandu jiġi ddivulgat, bħalma għandha tiġi ddivulgata l-lista ta’ pajjiżi immaterjali inklużi fir-ringieli “Pajjiżi oħra”. |

| | | a | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ammont riportat gross/ammont nominali | | | | Indeboliment akkumulat | Provvedimenti fuq impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u garanziji finanzjarji mogħtija | Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta’ kreditu fuq skoperturi improduttivi |
| | | | Li minnhom improduttiv | | Li minnhom soġġetti għal indeboliment | | | |
| | | | | Li minnhom inadempjenti | | | | |
| ***1*** | ***Skoperturi li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ*** | | | | | | | |
| *2* | *Pajjiż 1* | | | | | | | |
| *3* | *Pajjiż 2* | | | | | | | |
| *4* | *Pajjiż 3* | | | | | | | |
| *5* | *Pajjiż 4* | | | | | | | |
| *6* | *Pajjiż N* | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *7* | *Pajjiżi oħra* | | | | | | | |
| ***8*** | ***Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ*** | | | | | | | |
| *9* | *Pajjiż 1* | | | | | | | |
| *10* | *Pajjiż 2* | | | | | | | |
| *11* | *Pajjiż 3* | | | | | | | |
| *12* | *Pajjiż 4* | | | | | | | |
| *13* | *Pajjiż N* | | | | | | | |
| *14* | *Pajjiżi oħra* | | | | | | | |
| ***15*** | ***Total*** | | | | | | | |

**Definizzjonijiet**

**Kolonni:**

*Ammont riportat gross:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

*Ammont nominali*: għal garanziji finanzjarji, impenji ta' self u impenji oħra mogħtija, għandu jiġi rrappurtat l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

*Skoperturi improduttivi:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 3, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi produttivi u improduttivi skont l-iskadenza".

*Skoperturi inadempjenti:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

*Ammont riportat gross/ammont nominali – li minnu soġġett għal indeboliment:* l-ammont riportat gross/ammont nominali relatat ma' skoperturi li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' indeboliment tal-qafas kontabilistiku applikabbli.

*Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu u provvedimenti:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

**Ringieli:**

*Pajjiż*: pajjiż li fih l-iskoperturi tal-istituzzjoni huma materjali, f'konformità ma' EBA/GL/2014/14.

Meta l-materjalità tal-pajjiżi tiġi ddeterminata bl-użu ta' limitu ta' materjalità, dak il-limitu għandu jiġi ddivulgat, bħalma għandha tiġi ddivulgata l-lista ta' pajjiżi immaterjali inklużi fir-ringiela "Pajjiżi oħra".

L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw skoperturi għal pajjiż sinifikanti abbażi tar-residenza tal-kontroparti immedjata. Skoperturi għal organizzazzjonijiet supranazzjonali għandhom jiġu assenjati mhux lill-pajjiż ta' residenza tal-istituzzjoni, iżda lil "Pajjiżi oħra".

### Mudell 6: Kwalità tal-kreditu ta' self u avvanzi skont l-industrija

| |
|---|
| **Skop:** li tiġi pprovduta stampa ġenerali tal-kwalità tal-kreditu ta' self u avvanzi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-indeboliment, il-provvedimenti u l-aġġustamenti ta' valwazzjoni relatati, skont l-industrija. |
| **Kamp ta' applikazzjoni:** il-mudell japplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji għas-sinifikanza, kif iddefinit fil-paragrafu 12, u li għandhom proporzjon ta' NPL gross ta' 5 % jew aktar. |
| **Kontenut:** l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji, u l-indeboliment akkumulat u l-bidla akkumulata fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu relatati, skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni regolatorja f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR. |
| **Frekwenza**: annwali f'konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss. |
| **Narrattiva ta' akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ammonti mill-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti. |

| | | a | b | c | d | e | f |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ammont riportat gross | | | | Indeboliment akkumulat | Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi |
| | | | Li minnhom improduttiv | | Li minnhom self u avvanzi soġġetti għal indeboliment | | |
| | | | | Li minnhom inadempjenti | | | |
| 1 | Agrikoltura, forestrija u sajd | | | | | | |
| 2 | Minjieri u barrieri | | | | | | |
| 3 | Manifattura | | | | | | |
| 4 | Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kundizzjonata | | | | | | |
| 5 | Provvista ta' ilma | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Kostruzzjoni | | | | | | |
| 7 | Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut | | | | | | |
| 8 | Trasport u ħżin | | | | | | |
| 9 | Akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizz tal-ikel | | | | | | |
| 10 | Informazzjoni u komunikazzjoni | | | | | | |
| 11 | Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni | | | | | | |
| 12 | Attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli | | | | | | |
| 13 | Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi | | | | | | |
| 14 | Attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn | | | | | | |
| 15 | Amministrazzjoni pubblika u difiża, sigurtà soċjali obbligatorja | | | | | | |
| 16 | Edukazzjoni | | | | | | |
| 17 | Attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali | | | | | | |
| 18 | Arti, divertiment u rikreazzjoni | | | | | | |
| 19 | Servizzi oħra | | | | | | |
| ***20*** | ***Total*** | | | | | | |

**Definizzjonijiet**

**Kolonni:**

*Ammont riportat gross:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

*Ammont riportat gross – li minnu self u avvanzi soġġetti għal indeboliment:* l-ammont riportat gross relatat ma' skoperturi li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' indeboliment tal-qafas kontabilistiku applikabbli.

*Skoperturi improduttivi:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 3, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi produttivi u improduttivi skont l-iskadenza".

*Skoperturi inadempjenti:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

*Indeboliment akkumulat u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu:* dan għandu jinkludi l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 69 sa 71 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

**Ringieli:**

L-allokazzjoni tas-settur tal-kontroparti għandha tkun ibbażata esklużivament fuq in-natura tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn aktar minn obbligatur wieħed għandha ssir abbażi tal-karatteristiċi tal-obbligator li kien l-aktar rilevanti, jew determinanti, sabiex l-istituzzjoni tiddeċiedi li tagħti l-iskopertura.

Ir-ringieli għandhom jintużaw biex jiġu ddivulgati s-setturi industrijali jew it-tipi ta' kontroparti materjali li l-istituzzjonijiet għandhom skoperturi magħhom. Il-materjalità għandha tiġi vvalutata abbażi ta' EBA/GL/2014/14, u s-setturi industrijali jew it-tipi ta' kontroparti immaterjali għandhom jiġu aggregati fir-ringiela "Servizzi oħra".

# Anness III – Mudelli ta’ divulgazzjoni: valwazzjoni tal-kollateral

### Mudell 7: Valwazzjoni tal-kollateral – self u avvanzi

| |
|---|
| **Skop:** li tiġi divulgata l-valwazzjoni tal-kollateral u informazzjoni oħra dwar self u avvanzi. |
| **Kamp ta’ applikazzjoni:** il-mudell japplika għal istituzzjonijiet ta’ kreditu li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji għas-sinifikanza, kif iddefinit fil-paragrafu 12, u li għandhom proporzjon ta’ NPL gross ta’ 5 % jew aktar. |
| **Kontenut:** ammont riportat gross fuq self u avvanzi u l-indeboliment akkumulat, il-kollateral u l-garanziji finanzjarji relatati riċevuti, u tħassir parzjali, skont il-kamp ta’ applikazzjoni tal-konsolidazzjoni regolatorja f’konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR. |
| **Frekwenza:** annwali f’konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss. |
| **Narrattiva ta’ akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta’ kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ammonti mill-perjodu ta’ divulgazzjoni preċedenti. |

| a | b | c | d | e | f | g | h | i | j | k | l |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Self u avvanzi | | | | | | | | | | | |
| | Produttivi | | Improduttivi | | | | | | | | |
| | | | | X’aktarx li ma jitħallsux u li mhumiex skaduti jew li huma skaduti ≤ 90 jum | Skaduti > 90 jum | | | | | | |
| | | Li minnhom skaduti > 30 jum ≤ 90 jum | | | | Li minnhom skaduti > 90 jum ≤ 180 jum | Li minnhom skaduti > 180 jum ≤ sena | Li minnhom skaduti > sena ≤ sentejn: | Li minnhom skaduti > sentejn ≤ 5 snin: | Li minnhom skaduti > 5 snin ≤ 7 snin: | Li minnhom skaduti > 7 snin: |

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ammont riportat gross | | | | | | | | | | | | |
| *2* | *Li minnu garantit* | | | | | | | | | | | | |
| *3* | *Li minnu garantit bi proprjetà immobbli* | | | | | | | | | | | | |
| *4* | *Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 60 % u aktar baxx jew ugwali għal 80 %* | | | | | | | | | | | | |
| *5* | *Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 80 % u aktar baxx jew ugwali għal 100 %* | | | | | | | | | | | | |
| *6* | *Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 100 %* | | | | | | | | | | | | |
| 7 | Indeboliment akkumulat għal assi garantiti | | | | | | | | | | | | |
| 8 | Kollateral | | | | | | | | | | | | |
| 9 | *Li minnu il-valur limitat għall-valur tal-iskopertura* | | | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *10* | *Li minnu proprjetà immobbli* | | | | | | | | | | | | |
| *11* | *Li minnu il-valur ogħla mil-limitu* | | | | | | | | | | | | |
| *12* | *Li minnu proprjetà immobbli* | | | | | | | | | | | | |
| 13 | Garanziji finanzjarji riċevuti | | | | | | | | | | | | |
| 14 | Tħassir parzjali akkumulat | | | | | | | | | | | | |

**Definizzjonijiet**

**Kolonni:**

*Li minnhom skaduti > 30 jum:* subkategorija ta' self u avvanzi produttivi li huma skaduti minn 31 sa 90 jum.

*Skoperturi improduttivi:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 3, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi produttivi u improduttivi skont l-iskadenza".

*X'aktarx li ma jitħallsux u li mhumiex skaduti jew huma skaduti ≤ 90 jum*: subkategorija ta' self u avvanzi li jew mhumiex skaduti jew inkella huma skaduti sa 90 jum, iżda minkejja dan huma identifikati bħala improduttivi, minħabba l-probabbiltà li ma jitħallsux lura bis-sħiħ skont il-punt (b) tal-paragrafu 213 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

*Li minnhom skaduti > 90 jum ≤ 180jum:* subkategorija ta' self u avvanzi li huma skaduti minn 91 jum sa 180 jum.

*Li minnhom skaduti > 180 jum ≤ sena:* subkategorija ta' self u avvanzi li huma skaduti minn 180 jum sa sena.

*Li minnhom skaduti > sena ≤ sentejn:* subkategorija ta' self u avvanzi li huma skaduti minn sena sa sentejn.

*Li minnhom skaduti > sentejn ≤ 5 snin:* subkategorija ta' self u avvanzi li huma skaduti minn sentejn sa 5 snin.

*Li minnhom skaduti > 5 snin ≤ 7 snin:* subkategorija ta' self u avvanzi li huma skaduti minn 5 snin sa 7 snin.

*Li minnhom skaduti > 7 snin:* subkategorija ta' self u avvanzi li huma skaduti għal aktar minn 7 snin.

**Ringieli:**

*Ammont riportat gross:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

*Self u avvanzi garantiti* għandhom jinkludu wkoll il-partijiet ta' dawk l-iskoperturi li mhux garantiti.

*Self u avvanzi mhux garantiti* għandhom jinkludu skoperturi li għalihom la ġie mwiegħed kollateral u lanqas ma ġew riċevuti garanziji finanzjarji; il-parti mhux garantita ta' skopertura parzjalment garantita ma għandhiex tiġi inkluża, f'konformità mal-paragrafu 327(c) tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

Għalhekk, self u avvanzi garantiti jridu jiġu kkalkulati bħala d-differenza bejn l-ammont riportat gross tas-self u l-avvanzi kollha u l-ammont riportat gross tas-self u l-avvanzi mhux garantiti.

*Strumenti b'LTV ogħla minn 60 % u inqas minn jew ugwali għal 80 %:* il-proporzjon bejn is-self u l-valur (LTV) għandu jiġi kkalkulat bl-użu tal-metodu ta' kalkolu speċifikat għal "LTV Kurrenti" fir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-31 ta' Ottubru 2016 rigward l-eliminazzjoni tad-diskrepanzi fid-*data* dwar il-proprjetà immobbli (ESRB/2016/14). L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għandhom proporzjon ta' LTV ogħla minn 60 % u inqas minn jew ugwali għal 80 %.

*Strumenti b'LTV ogħla minn 80 % u inqas minn jew ugwali għal 100 %:* l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għandhom proporzjon ta' LTV ogħla minn 80 % u inqas minn jew ugwali għal 100 %.

*Strumenti b'LTV ogħla minn 100 %:* ammont riportat gross ta' self u avvanzi li għandhom proporzjon ta' LTV ogħla minn 100 %.

*Indebolament akkumulat għal assi garantiti:* għal strumenti ta' dejn garantiti, l-indeboliment akkumulat għandu jiġi kkalkulat bħala l-ammont kumulattiv ta' telf minn indeboliment, nett tal-użu u tat-treġġigħ lura li jkun ġie rikonoxxut, fejn xieraq għal kull wieħed mill-istadji ta' indeboliment (il-paragrafu 70 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014).

*Kollateral – li minnu valur limitat fil-valur tal-iskopertura:* ammonti rrappurtati għall-kollateral riċevut għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-paragrafu 239 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014. Is-somma tal-ammonti rrappurtati għall-kollateral f'din ir-ringiela għandha tkun limitata għall-ammont riportat tal-iskopertura relatata.

> *Li minnu proprjetà immobbli:* il-parti tal-kollateral li tikkonsisti minn proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali (il-punt (a) tal-paragrafu 173 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014). Is-somma tal-ammonti rrappurtati għall-kollateral f'din ir-ringiela għandha tkun limitata għall-ammont riportat tal-iskopertura relatata.

*Kollateral – li minnu valur ogħla mil-limitu massimu:* f'din ir-ringiela, għandha tiġi ddivulgata d-differenza bejn il-valur reali tal-kollateral u l-valur limitat tal-kollateral (l-istituzzjonijiet ma għandhom japplikaw għall-kalkolu tal-valur reali tal-kollateral il-paragrafu 239 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014)).

> *Li minnu proprjetà immobbli:* id-differenza bejn il-valur reali u l-valur limitat tal-parti tal-kollateral li tikkonsisti minn proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali (il-punt (a) tal-paragrafu 173 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014).

*Garanziji finanzjarji riċevuti*: kif iddefiniti fil-paragrafu 114 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

*Tħassir parzjali akkumulat:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 4, "Skoperturi produttivi u improduttivi u l-provvedimenti relatati".

# Anness IV – Mudelli ta’ divulgazzjoni: bidliet fl-istokk ta’ NPLs

### Mudell 8: Bidliet fl-istokk ta’ self u avvanzi improduttivi

| |
|---|
| **Skop**: tiġi pprovduta stampa ġenerali tal-movimenti (flussi ta’ dħul u flussi ta’ ħruġ) ta’ self u avvanzi improduttivi. |
| **Kamp ta’ applikazzjoni:** il-mudell japplika għal istituzzjonijiet ta’ kreditu li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji għas-sinifikanza, kif iddefinit fil-paragrafu 12, u li għandhom proporzjon ta’ NPL gross ta’ 5 % jew aktar. |
| **Kontenut:** movimenti ta’ ammonti riportati gross ta’ self u avvanzi improduttivi matul il-perjodu. |
| **Frekwenza:** annwali f’konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss. |
| **Narrattiva ta’ akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta’ ammont sinifikanti fir-ringiela “Fluss ta’ ħruġ dovut għal sitwazzjonijiet oħra”. |

| | | a | b |
|---|---|---|---|
| | | Ammont riportat gross | Irkupri akkumulati netti relatati: |
| **1** | **Stokk inizjali ta’ self u avvanzi improduttivi** | | |
| 2 | Flussi ta’ dħul għal portafolli improduttivi | | |
| 3 | Flussi ta’ ħruġ minn portafolli improduttivi | | |
| 4 | Fluss ta’ ħruġ għal portafoll produttiv | | |
| 5 | Fluss ta’ ħruġ dovut għall-ħlas lura tas-self, parzjali jew totali | | |
| 6 | Fluss ta’ ħruġ dovut għal-likwidazzjoni tal-kollateral | | |
| 7 | Fluss ta’ ħruġ dovut għat-teħid b’pussess tal-kollateral | | |
| 8 | Fluss ta’ ħruġ dovut għall-bejgħ ta’ strumenti | | |
| 9 | Fluss ta’ ħruġ dovut għat-trasferiment tar-riskju | | |
| 10 | Fluss ta’ ħruġ dovut għat-tħassir | | |
| 11 | Fluss ta’ ħruġ dovut għal sitwazzjonijiet oħra: | | |
| 12 | Fluss ta’ ħruġ dovut għar-riklassifikazzjoni bħala miżmum għall-bejgħ: | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 13 | **Stokk finali ta' self u avvanzi improduttivi** | | |

**Definizzjonijiet**

**Kolonni:**

*Ammont riportat gross:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 1, "Kwalità tal-kreditu ta' skoperturi b'tolleranza".

**Ringieli:**

*Stokk inizjali stock ta' self u avvanzi improduttivi:* l-ammont riportat gross tal-istokk ta' self u avvanzi improduttivi fi tmiem is-sena finanzjarja preċedenti.

*Flussi ta' dħul għal portafolli improduttivi:* l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li akkwistaw l-istatus ta' improduttivi matul il-perjodu (minn tmiem is-sena finanzjarja preċedenti).

*Fluss ta' ħruġ għal portafoll produttiv:* l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li ma baqgħux jikkwalifikaw għall-istatus ta' improduttivi u li saru produttivi matul il-perjodu (minn tmiem is-sena finanzjarja preċedenti).

*Fluss ta' ħruġ dovut għall-ħlas lura tas-self, parzjali jew totali:* it-tnaqqis fl-ammont riportat gross ta' self u avvanzi improduttivi dovut għal ħlas bi flus kontanti, jiġifieri pagamenti regolari ta' kapital u kwalunkwe ħlas lura ad hoc matul il-perjodu (minn tmiem is-sena finanzjarja preċedenti).

*Fluss ta' ħruġ dovut għal-likwidazzjonijiet kollaterali:* l-effett fuq l-ammont riportat gross ta' strument mil-likwidazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' kollateral għandu jiġi rrappurtat f'din ir-ringiela. Flussi ta' ħruġ dovuti għal likwidazzjoni oħra jew għal proċeduri legali u l-bejgħ volontarju ta' proprjetà għandhom jiġu inklużi wkoll f'din ir-ringiela. Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, jekk jogħġbok innota li l-ammont riportat gross tal-istrument għandu jiġi rrappurtat, inkluż kwalunkwe tħassir parzjali potenzjali li jakkumpanjah. Jekk jogħġbok innota wkoll li l-flussi ta' ħruġ jistgħu ma jkunux ugwali għas-somma tal-irkupri akkumulati netti u t-tħassir parzjali.

*Irkupri akkumulati netti relatati:* irkupri ta' flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus kontanti miġbura dovuti għal-likwidazzjoni tal-kollateral (nett tal-ispejjeż rispettivi tal-likwidazzjoni tal-kollateral) għandhom jiġu rrappurtati f'din ir-ringiela.

*Fluss ta' ħruġ dovut għat-teħid b'pussess ta' kollateral:* l-effett fuq l-ammont riportat gross ta' strument dovut għall-preklużjoni ta' kwalunkwe tip ta' kollateral għandu jiġi rrappurtat f'din ir-ringiela. Teħid b'pussess jirreferi għall-akkwiżizzjoni ta' kollateral li mhuwiex flus kontanti, li istituzzjoni ta' kreditu jew is-sussidjarja ta' grupp tkun akkwistatu u li hija tkun għadha ma bigħitux lil parti terza. Skambji ta' assi ta' dejn, ċedimenti volontarji u skambji ta' ekwità ta' dejn għandhom jiġu inklużi wkoll f'din il-kategorija. Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, jekk jogħġbok innota li l-ammont riportat gross tal-istrument għandu jiġi rrappurtat, inkluż kwalunkwe tħassir parzjali potenzjali li jakkumpanjah. Jekk jogħġbok innota wkoll li l-flussi ta' ħruġ jistgħu ma jkunux ugwali għas-somma tal-irkupri akkumulati netti u t-tħassir parzjali.

*Irkupri akkumulati netti relatati:* ir-rikonoxximent inizjali fil-karta tal-bilanċ tal-bank tal-valur ġust tal-kollateral fil-mument tat-teħid b'pussess għandu jiġi rrappurtat f'din ir-ringiela. Irkupri ta' flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus kontanti miġbura fil-kuntest tat-teħid b'pussess tal-kollateral nett tal-ispejjeż ma għandhomx jiġu inklużi f'din ir-ringiela iżda għandhom jiġu rrappurtati taħt "Fluss ta' ħruġ dovut għall-ħlas lura tas-self, parzjali jew totali".

*Fluss ta' ħruġ dovut għall-bejgħ ta' strumenti:* bidliet fil-bilanċ totali li jirriżulta minn self u avvanzi mibjugħa lil istituzzjonijiet oħra, għajr tranżazzjonijiet intragrupp. Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, jekk jogħġbok innota li għandu jiġi rrappurtat l-ammont riportat gross tas-self u l-avvanzi mibjugħa (inkluż kwalunkwe tħassir parzjali potenzjali li jakkumpanjah) u mhux il-valwazzjoni jew il-prezz tiegħu matul it-tranżazzjoni. Jekk jogħġbok innota wkoll li l-flussi ta' ħruġ jistgħu ma jkunux ugwali għas-somma tal-irkupri akkumulati netti u t-tħassir parzjali.

*Irkupri akkumulati netti relatati:* irkupri ta' flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus kontanti miġbura fil-kuntest tal-bejgħ ta' self u avvanzi, bit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-bejgħ, huma inklużi f'din ir-ringiela.

*Fluss ta' ħruġ dovut għat-trasferimenti tar-riskju:* it-tnaqqis gross fis-self u l-avvanzi improduttivi dovut għat-titolizzazzjoni jew trasferimenti oħra tar-riskju li jikkwalifikaw għall-irtirar tar-rikonoxximent mill-karta tal-bilanċ. Jekk jogħġbok innota wkoll li l-flussi ta' ħruġ jistgħu ma jkunux ugwali għas-somma tal-irkupri akkumulati netti u t-tħassir parzjali.

*Irkupri akkumulati nett relatati:* irkupri ta' flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus kontanti miġbura fil-kuntest tal-flussi ta' ħruġ dovuti għal trasferimenti tar-riskju sinifikanti għandhom jiġu rrappurtati f'din ir-ringiela.

*Fluss ta' ħruġ dovut għat-tħassir:* tħassir sħiħ jew parzjali tas-self u l-avvanzi totali rreġistrati matul il-perjodu referenzjarju. Tħassir (sħiħ jew parzjali) jikkostitwixxi avveniment ta' rtirar tar-rikonoxximent. Għalhekk, l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi jitnaqqas bl-ammont tat-tħassir. Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, jekk jogħġbok innota li din ir-ringiela tirrifletti l-bidliet fl-ammont riportat gross ta' self u avvanzi, u kwalunkwe tħassir parzjali potenzjali li jkun diġà ġie rrappurtat f'ringieli preċedenti (eż. li jakkumpanja l-bejgħ ta' self u avvanzi, il-likwidazzjoni tal-kollateral, it-teħid b'pussess tal-kollateral jew trasferiment sinifikanti tar-riskju) ma għandux jiġi inkluż f'din ir-ringiela. Barra minn hekk, il-maħfra ta' dejn fil-kuntest ta' miżuri ta' tolleranza, jiġifieri tħassir li għalih ikun ġie kkanċellat l-ammont ta' dejn pendenti mill-mutwatarju (il-bank jirrinunzja d-dritt li jirkuprah legalment), għandha tiġi inkluża wkoll f'din il-kategorija.

*Fluss ta' ħruġ dovut għar-riklassifikazzjoni bħala miżmum għall-bejgħ:* tnaqqis għall-ammont riportat ta' self u avvanzi improduttivi dovut għar-riklassifikazzjoni tagħhom bħala strumenti miżmuma għall-bejgħ.

*Fluss ta' ħruġ dovut għal sitwazzjonijiet oħra:* kwalunkwe tnaqqis ieħor għall-ammont riportat ta' self u avvanzi li mhumiex koperti mill-avvenimenti msemmija hawn fuq għandu jiġi inkluż f'din ir-ringiela. Dawk l-aġġustamenti jistgħu jinkludu, pereżempju, bidliet FX, azzjonijiet oħra ta' għeluq, riklassifikazzjonijiet bejn klassijiet ta' assi, eċċ. Fejn l-ammont għal din il-kategorija jkun sinifikanti, l-istituzzjonijiet li jirrappurtaw huma mistennija jipprovdu dettalji fil-kaxxa tat-test li tinsab fuq il-lemin tal-mudell imsejħa "Noti dwar flussi ta' dħul/flussi ta' ħruġ lejn/minn portafolli ta' NP".

# Anness V – Mudelli ta' divulgazzjoni: assi preklużi

### Mudell 9: Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni

| |
|---|
| **Skop:** tiġi pprovduta stampa ġenerali tal-assi preklużi miksuba minn skoperturi improduttivi. |
| **Kamp ta' applikazzjoni:** il-mudell japplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha kif iddefinit fil-paragrafu 0. |
| **Kontenut:** informazzjoni dwar l-istrumenti li ġew ikkanċellati bi skambju għall-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess, u dwar il-valur tal-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess. |
| **Frekwenza:** semi-annwali jew annwali f'konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss. |
| **Narrattiva ta' akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ammonti mill-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti. |

| | | a | b |
|---|---|---|---|
| | | Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess | |
| | | Valur mar-rikonoxximent inizjali | Bidliet negattivi akkumulati |
| 1 | Proprjetà, impjant u tagħmir (PP&E) | | |
| 2 | Għajr PP&E | | |
| *3* | *Proprjetà immobbli residenzjali* | | |
| *4* | *Proprjetà immobbli kummerċjali* | | |
| *5* | *Proprjetà mobbli (vetturi, opri tal-baħar, eċċ.)* | | |
| *6* | *Strumenti ta' ekwità u dejn* | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *7* | *Oħrajn* | | |
| ***8*** | ***Total*** | | |

**Definizzjonijiet**

**Kolonni:**

*Valur mar-rikonoxximent inizjali:* l-ammont riportat gross tal-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess mar-rikonoxximent inizjali fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni li tirrapporta, għandu jiġi rrappurtat f'din il-kolonna.

*Bidliet negattivi akkumulati:* indeboliment akkumulat jew bidliet negattivi akkumulati għall-valur mar-rikonoxximent inizjali tal-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess, kif deskritt hawn fuq. Jekk jogħġbok ħu nota li għandhom jiġu inklużi wkoll il-bidliet negattivi akkumulati minħabba l-amortizzament fil-każ ta' PP&E u ta' proprjetajiet ta' investiment, jekk applikabbli.

**Ringieli:**

*Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess ikklassifikat bħala PP&E:* l-istokk tal-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess li jibqa' rikonoxxut fil-karta tal-bilanċ fid-data ta' referenza tar-rappurtar u li jkun ikklassifikat bħala PP&E għandu jiġi rrappurtat f'din ir-ringiela.

*Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess għajr dak ikklassifikat bħala PP&E:* l-istokk tal-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess li jibqa' rikonoxxut fil-karta tal-bilanċ fid-data ta' referenza tar-rappurtar, u li ma jkunx ikklassifikat bħala PP&E, jiġi rrappurtat awtomatikament f'din ir-ringiela. L-istokk totali jiġi kkalkulat bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-istokk inizjali (minn tmiem is-sena finanzjarja preċedenti), u l-flussi ta' dħul u l-flussi ta' ħruġ li seħħew matul il-perjodu ta' divulgazzjoni (minn tmiem is-sena finanzjarja preċedenti). Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess (għajr PP&E) huwa rrappurtat f'ringieli skont it-tip ta' kollateral.

*Proprjetà immobbli residenzjali:* kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess ta' proprjetà residenzjali (eż. djar, appartamenti, eċċ) jew proprjetà b'użu potenzjal fil-futur bħal (eż. proprjetà residenzjali mhux lesta eċċ.).

*Proprjetà immobbli kummerċjali:* kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess ta' proprjetà kummerċjali jew industrijali li tista' tintuża għal finijiet ta' negozju u/jew ta' investiment, jew ta' kwalunkwe proprjetà immobbli li ma tkunx proprjetà residenzjali, kif deskritt hawn fuq. L-art (kemm mhux agrikola kif ukoll agrikola) għandha tiġi inkluża wkoll f'din il-kategorija.

*Proprjetà mobbli:* kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess ta' proprjetà, għajr proprjetà immobbli, għandu jiġi rrappurtat f'din ir-ringiela.

*Strumenti ta' ekwità u dejn:* kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess ta' strumenti ta' ekwità jew dejn għandu jiġi rrappurtat f'din ir-ringiela.

*Kollateral ieħor:* kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess li ma jaqax taħt il-kategoriji tar-ringieli l-oħra. Jekk l-ammont irrappurtat f'din ir-ringiela jkun relattivament materjali, l-istituzzjonijiet li jirrappurtaw huma mitluba jipprovdu informazzjoni addizzjonali fil-kaxxa li tinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-mudell imsejħa "Noti dwar kollateral ieħor miksub permezz ta' teħid b'pussess".

## Mudell 10: Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni – ripartizzjoni inizjali

| |
|---|
| **Skop:** tiġi pprovduta stampa ġenerali tal-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess (skont it-tip u ż-żmien mid-data ta' preklużjoni) |
| **Kamp ta' applikazzjoni:** il-mudell japplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji għas-sinifikanza, kif iddefinit fil-paragrafu 12, u li għandhom proporzjon ta' NPL gross ta' 5 % jew aktar. |
| **Kontenut:** informazzjoni dwar l-istrumenti li ġew ikkanċellati bi skambju għall-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess, u dwar il-valur tal-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess. |
| **Frekwenza:** annwali f'konformità mal-paragrafu 15. |
| **Format:** fiss. |
| **Narrattiva ta' akkumpanjament:** l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-motivaturi ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ammonti mill-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti. |

| | | a | b | c | d | e | f | g | h | i | j | k | l |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Tnaqqis tal-bilanċ tad-dejn | | Kollateral totali miksub permezz ta' teħid b'pussess | | | | | | | | | |
| | | | | | | Prekluż ≤ sentejn | | Prekluż > sentejn ≤ 5 snin | | Prekluż > 5 snin | | Li minnu assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ | |
| | | Ammont riportat gross | Bidliet negattivi akkumulati: | Valur mar-rikonoxximent inizjali: | Bidliet negattivi akkumulati: | Valur mar-rikonoxximent inizjali: | Bidliet negattivi akkumulati: | Valur mar-rikonoxximent inizjali: | Bidliet negattivi akkumulati: | Valur mar-rikonoxximent inizjali: | Bidliet negattivi akkumulati: | Valur mar-rikonoxximent inizjali: | Bidliet negattivi akkumulati: |
| 1 | Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess ikklassifikat bħala PP&E: | | | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess għajr dak ikklassifikat bħala PP&E | | | | | | | | | | | | |
| *3* | *Proprjetà immobbli residenzjali* | | | | | | | | | | | | |
| *4* | *Proprjetà immobbli kummerċjali* | | | | | | | | | | | | |
| *5* | *Proprjetà mobbli (vetturi, opri tal-baħar, eċċ.)* | | | | | | | | | | | | |
| *6* | *Strumenti ta' ekwità u dejn* | | | | | | | | | | | | |
| *7* | *Oħrajn* | | | | | | | | | | | | |
| ***8*** | ***Total*** | | | | | | | | | | | | |

**Definizzjonijiet**

**Kolonni:**

*Ammont riportat gross:* l-ammont gross tad-dejn li ġie kkanċellat bi skambju għall-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess, fil-mument preċiż tal-iskambju, permezz ta' proċeduri ġudizzjarji jew ta' ftehim bilaterali. L-ammont gross għandu jiġi kkalkulat bħala t-tnaqqis gross tal-bilanċ tal-istrument, filwaqt li ma jitteħidx kont tal-provvedimenti. Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, it-tnaqqis fil-bilanċ dovut għal raġunijiet oħra (eż. ġbir ta' flus kontanti) ma għandux jiġi rrappurtat f'din il-kolonna.

*Indeboliment akkumulat:* l-indeboliment akkumulat tal-istrument li ġie kkanċellat bi skambju għall-kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess, fil-mument preċiż tal-iskambju, għandu jiġi rrappurtat f'din il-kolonna. L-informazzjoni korrispondenti għandha titniżżel b'sinjal negattiv.

*Valur mar-rikonoxximent inizjali:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 9, "Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni".

*Bidliet negattivi akkumulati:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 9, "Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni".

*Prekluż ≤ sentejn:* "Valur mar-rikonoxximent inizjali" u "Bidliet negattivi akkumulati" għal kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u rrikonoxxut fil-karta tal-bilanċ għal sentejn jew inqas fid-data ta' referenza tar-rappurtar.

*Prekluż > sentejn ≤ 5 snin:* "Valur mar-rikonoxximent inizjali" u "Bidliet negattivi akkumulati" għal kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u rrikonoxxut fil-karta tal-bilanċ għal aktar minn sentejn u sa 5 snin fid-data ta' referenza tar-rappurtar.

*Prekluż > 5 snin:* "Valur mar-rikonoxximent inizjali" u "Bidliet negattivi akkumulati" għal kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u rrikonoxxut fil-karta tal-bilanċ għal aktar minn 5 snin fid-data ta' referenza tar-rappurtar.

*Li minnu assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ:* "Valur inizjali" u "Bidliet negattivi akkumulati" għal kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess li huwa kklassifikat bħala assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ għandu jiġi rrappurtat f'dawn il-kolonni. Jekk din il-klassifikazzjoni mhijiex rilevanti skont il-qafas kontabilistiku applikabbli għall-istituzzjoni ta' kreditu, din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata.

**Ringieli:**

*Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess ikklassifikat bħala PP&E*: ara d-definizzjoni fil-Mudell 9, "Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni".

*Proprjetà immobbli residenzjali:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 9, "Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni".

*Proprjetà immobbli kummerċjali:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 9, "Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni".

*Proprjetà mobbli:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 9, "Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni".

*Strumenti ta' ekwità u dejn:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 9, "Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni".

*Kollateral ieħor:* ara d-definizzjoni fil-Mudell 9, "Kollateral miksub permezz ta' teħid b'pussess u ta' proċessi ta' eżekuzzjoni".